MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 120/2005

**Avukat Dottor Aaron M. Bugeja fil-kwalita tieghu ta’ prokuratur specjali tas-socjeta Taljana “MIGOR S.p.a.’ ta’ Via Colombo, 5, C.P. 351, 41012 Carpi (MO) Italja (ID Nru 210771(M) )**

**Vs**

**Episode Company Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur noe ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas ta' tlett elef seba’ mija sitta u sebghin Euro, sebgha u sittin Euro cents ekwivalenti ghal cirka Elf sitt mija u erbgha u ghoxrin Liri Maltin (Lm1,624) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta’ merci debitament mibjugh u konsenjat lis-socjeta konvenuta mill-attur nomine fuq ordni u inkarigu specifiku taghha, bl-imghax legali mill-1 ta’ Gunju 2003 sal-gurnata tal-hlas effettiv u

bl-ispejjes kollha kontra tas-socjeta konvenuta li r-rapprezentanzi taghha li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur nomine sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fit-30 ta' Mejju 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm1624.00,0 ekwivalenti ghal tlett elef seba’ mija sitta u sebghin Euro bl-imghax legali mill-ewwel (1) ta’ Gunju 2003 sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjes ta’ dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------